**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**Vs**

**Gary Grima Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 146789M**

*Kumpilazzjoni Nru. 405/2017*

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gary Grima Mifsud u ċioè talli:

Nhar is-7 ta' Settembru, 2017, ghal habta ta' bejn it-tlieta u t-tlieta u ghoxrin ta' wara nofsinhar (15:00-15:20hours) gewwa Triq is-Salvatur, Kalkara-

a) Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Grima, huh, billi tah daqqiet b'oggett iebes, b'bastun, hekk skond ma iccertifikat Dr. Maria Elena Pawney MD (Reg no. 3511) u dan bi ksur tal-artikoli 216 u 222 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lil Gary Grima Mifsud bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-parte civile Daniel Grima talab li ma jixhidx fil-konfront ta' huh;

Il-Qorti wara li rat dak li jipprovdi l-artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali, iddecidiet li ma ġġiegħelx lill-parte civile jixhed fil-konfront ta' huh;

Illi in oltre` wara li semghet ix-xhieda ta' Jacqueline Mifsud, jirrizulta li l-aggessjoni twettqet mill-parte leza u l-imputat kien jirrejagixxi ghall-aggressjoni perpetrata minn huh fil-konfront tieghu u ta' nanntu, fejn ipprova jiddefendiha minn huh.

Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minn kwalunkwe htija u piena fuq mankanza ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**